MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2012

Citazzjoni Numru. 1098/2012

**C. Vella and Sons Limited**
**(C – 5131)**

**vs**

**Anthony u Mary konjugi Deguara**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat promotur datat l-1 ta' Novembru, 2012, li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti sintetikament ippremettiet is-segwenti:

1. Illi l-intimati ghandhom jaghtu l-ammont ta' wiehed u ghoxrin elf Ewro, (€21,000.00), rapprezentanti sitta u sebghin (76) *cheque* mahruga mill-intimati favur is-socjeta` rikorrenti li pero` ma gewx imsarrfa jew onorati stante li l-intimati ma kellhomx fondi fil-kont bankarju relattiv;

2. Illi di piu`, l-intimati ghandhom ukoll ihallsu lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta' seba' mija u disgha u ghoxrin Ewro, (€729.00), imghax sad-data tal-prezentata tar-rikors promotur odjern fuq gia` ndikata mis-17 ta' Mejju, 2012;

3. Illi l-intimati, nonostante li debitament interpellati, baqghu inadempjenti;

4. Illi l-ammont dovut hu cert, likwidu u dovut, u m'hemmx risposta li tista' tirribatti t-talba tas-socjeta` rikorrenti;

5. Illi konsegwentement is-socjeta` rikorrenti talbet is-segwenti:

i. Illi l-procedura odjerna tinstema' bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza *ai termini* tal-artikolu 167 *et sequitur* tal-Ligijiet ta' Malta;

ii. Illi tiddikjara li l-intimati ghandhom ihallsu s-somma komplessiva ta' wiehed u ghoxrin elf, seba' mija u disgha u ghoxrin Ewro, (€21,729.00), kif fuq dedott, stante li c-cekkijiet minnhom rilaxxati ma gewx imserrfa;

iii. Illi tikkundanna lill-intimati jhallsu s-somma komplessiva riferita fil-paragrafu precedenti lis-socjeta` rikorrenti;

iv. Bl-ispejjez kif dedotti fir-rikors promotur u bl-imghaxijiet kummercjali skont il-ligi b'effett mill-1 ta' Novembru, 2012, sad-data tal-effettiv pagament;

Ezaminat id-dokumenti esebiti;

Semghet lix-xhieda prodotta;

Ikkunsidrat:

Illi minn analizi tax-xhieda mismugha u tad-dokumenti esebiti, jirrizulta sintetikament is-segwenti:

1. Illi l-intimati kienu jiggestixxu "*mini-market*" li kien jigi fornit mis-socjeta` rikorrenti;

2. Illi matul il-perjodu li fih il-kontendenti kienu jinnegozjaw flimkien l-intimati akkumulaw id-dejn fuq indikat favur is-socjeta` rikorrenti;

3. Illi meta l-intimati ttentaw ihallsu l-ammonti minnhom dovuti lis-socjeta` rikorrenti permezz ta' cekkijiet li gew ipprezentati in atti dawn ma ssarrfux stante li l-intimati ma kellhomx il-finanziond biex jaghmlu tajjeb ghall-istess;

4. Illi s-suespost gie kkonfermat bil-gurament mill-istess intimat Anthony Deguara;

Ikkunsidrat:

Illi ghaldaqstant din il-qorti hi sodisfatta li s-socjeta` rikorrenti ipprovat il-kaz taghha skont il-ligi u konsegwentement, filwaqt li takkolji t-talbiet ta-socjeta` rikorrenti:

1. Tilqa' t-talba ghad-dispensa tas-smiegh tal-kawza *ai termini* tal-artikoli 167 *et sequitur* fuq indikati;

2. Tiddikjara li l-intimati Anthony u Mary konjugi Deguara huma debituri tas-socjeta` rikorrenti C. Vella and Sons Limited fl-ammont komplessiv ta' wiehed u ghoxrin elf, seba' mija u disgha u ghoxrin Ewro, (€21, 729.00);

3. Tikkundanna lill-istess intimati fuq indikati biex ihallsu lis-socjeta` rikorrenti fuq indikata l-ammont komplessiv hekk likwidat indikat fil-paragrafu precedenti;

4. Bl-ispejjez kif dedotti fir-rikors promotur u bl-imghaxijiet kummercjali skont il-ligi mill-1 ta' Novembru, 2012, sad-data tal-effettiv pagament.

______________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------